# REĠJUN ĊENTRU

MINUTI

Laqgħa tal-Kunsill Lokali 81

IT-TIENI LEĠISLATURA

## Laqgħa Numru 81

L-Erbgħa 19 ta' April 2017

Ir-Reġjun Ċentru ltaqa' fl-Uffiċċju Amministrattiv tiegħu li jinsab fl-indirizz Uffiċċju Amministrattiv, 'Mabruka', Triq ix-Xnien, San Ġwann, fil-5:30 ta' filgħaxija.

PREŻENTI:

Is-Sur Michael Fenech Adami – President
Is-Sur Stefan Cordina – Viċi President
Is-Sinjura Magda Magri Naudi – Sindku Ħal Lija
Is-Sur Dominic Cassar – Kunsillier San Ġwann
Is-Sur Andrè Grech – Viċi Sindku Ħal Balzan
Is-Sinjura Margaret Baldacchino Cefai – Sindku Imsida
Is-Sur Guido Dalli – Sindku San Ġiljan
Is-Sur Keith Tanti – Sindku Pietà
Is-Sur Paul Radmilli – Kunsillier Tas-Sliema

ASSENTI b'APOLOĠIJI (Skont Ordni Permanenti 14A (3):

Is-Sur Anthony Dalli – Sindku L-Iklin
Is-Sur Maximillian Zammit – Sindku Ta' Xbiex

ASSENTI

Is-Sinjura Rita Borg – Viċi Sindku Birkirkara
Is-Sur Conrad Borg Manchè – Sindku Gżira
Is-Sur Stephen Sultana – Sindku Santa Venera

UFFIĊJAL PREŻENTI:

Is-Sinjura Jeanette Galea – Segretarju Eżekuttiv

# Minuti

Il-President, is-Sur Michael Fenech Adami, qal it-talba u ppresjeda l-laqgħa.

## 81.1 Qari tal-ittri ta' apoloġiji

81.1.1 Il-President, is-Sur Michael Fenech Adami, ippreżenta u qara l-ittri ta' apoloġija tas-Sur Maximillian Zammit, u tas-Sur Anthony Dalli u l-membri preżenti unanimament aċċettaw l-apoloġiji.

## 81.2 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti

81.2.1 Il-minuti tas-Seduta Nru 80 li saret nhar l-Erbgħa 15 ta' Marzu 2017 kienu meħuda bħala moqrija.

81.2.2

Il-minuti kienu approvati unanimament fuq proposta tal-Kunsillier ta' tas-Sliema, is-Sur Paul Radmilli, u sekondati mill-Viċi President u s-Sindku ta' Ħ'Attard , is-Sur Stefan Cordina.

## 81.3 Komunikazzjoni mill-President

81.3.1 Il-President, is-Sur Michael Fenech Adami, informa lill-membri preżenti li fil-ġurnata ta' qabel, nhar it-Tlieta 18 ta' April 2017, fl-AKL saret elezzjoni sabiex jinħatar President ġdid. Is-Sur Mario Fava ġie elett sabiex iservi ta' President u għal din ir-raġuni s-Sur Fenech Adami ppropona sabiex tintbagħat ittra ta' ringrazzjament lil Dott. Marc Sant u ittra oħra ta' awgurju lis-Sur Fava.

81.3.2 Is-Sur Michael Fenech Adami qassam document lil kull rappreżentant sabiex ikollu aġġornament fuq il-ġbir tal-multi pendenti kif ukoll informa lill-membri preżenti li ma kien hemm l-ebda tweġiba mingħand il-Kunsill Lokali ta' San Ġwann, Gżira u Santa Venera jekk jixtiequx jibgħatu l-ittri legali. Għaldaqstant, is-Segretarju Eżekuttiv, is-Sinjura Galea, bagħtet e-mail lil dawn it-tliet Kunsilli sabiex tingħata risposta dwar dan.

81.3.4 ***17:47pm – il-Viċi Sindku ta' Ħal Balzan, is-Sur Andrè Grech, wasal għal din il-laqgħa.***

## 81.4 Tweġibiet għall-Mistoqsijiet tal-Membri

81.4.1 Is-Sindku tal-Pietà, is-Sur Kieth Tanti, talab lill-President sabiex jgħatina spjegazzjoni dwar il-proċedura li tinvolvi sabiex isir sekwestru fuq ċertu niex li, għalkemm irċievew diveri ittri legali fuq il-multi pendenti, dawn baqgħu ma ħalsuhomx.

81.4.2 Il-President, is-Sur Michael Fenech Adami, spjega li s-Segretarju Eżekuttiv, is-Sinjura Galea, kienet talbet spjegazzjoni lil Dott. Richard Sladden dwar il-proċedura u l-ispejjeż involuti sabiex ir-Reġjun ikun jistà jipproċedi bis-sekwestri.

81.4.3 Wara li l-korrispondenza ġiet moqrija mill-President, is-Sur Kieth Tanti ressaq it-talba tiegħu sabiex jiftaħ sekwestru fuq żewġ persuni li ma jridux iħalsu l-multi pendenti. Huwa informa lill-membri preżenti sabiex l-ispejjez legali jkunu mnaqqsa mid-dħul tiegħu.

81.4.4 Kien hemm qbil dwar dan bejn il-membri preżenti.

81.4.5 Il-Kunsillier ta' Sliema, is-Sur Paul Radmilli, staqsa dwar jekk kienx hemm xi żvilupp dwar il-*bye laws* li kienu ġew diskussi ma' l-Avukat, Dott. Richard Sladden.

81.4.6 Is-Segretarju Eżekuttiv, is-Sinjura Galea, spjegat kif wara l-aħħar laqgħa tar-Reġjun, hija kienet bagħtet e-mail lill Dott. Sladden u hu spjega li kien mingħalieh li l-membri kellhom jagħżlu żewġ *bye-laws* sabiex hu jkun jista' jipproċedi fuqhom.

81.4.7 Għal din ir-raġuni, is-Sinjura Galea reġgħet għaddiet kopja tal-*bye-laws* li kienu ġew diskussi f'laqgħa oħra sabiex tittieħed deċiżjoni.

81.4.8 Il-Membri preżenti qablu li għandhom jibdew bil-*bye law* fuq il-boroz taż-żibel u dwar is-siti ta' kostruzzjoni. Però kien hemm qbil sabiex issir laqgħa ma' l-avukat, Dott. Sladden, sabiex issir diskussjoni dettaljata fuq dawn iż-żewġ suġġetti qabel ma jipproċedi.

81.4.9 Għal din ir-raġuni kien hemm qbil sabiex din il-laqgħa issir nhar it-Tlieta 9 ta' Mejju 2017 fil-5:30pm.

## 81.5 Rapporti

81.5.1 Il-President, is-Sur Michael Fenech Adami, informa lill-membri preżenti li l-ebda rapport ma kien ser jiġi ppreżentat f'din il-laqgħa peress li ftit tal-ġimgħat qabel kien għadu kif sar l-awditjar tar-Reġjun mill-kumpanij Mazars u li dan ir-Reġjun għadu qed jistenna r-rakomandazzjonijiet mingħand l-awdituri sabiex jiġu ppreżentati l-*audtied financial statememts*. Però f'Mejju għandu jkun preżenti l-Accountant tar-Reġjun, is-Sur Daniel Galea, sabiex jiġi preżentant għall-approvazzjoni l-financial statements.

81.5.2 Is-Sur Fenech Adami informa lill-membri preżenti li ser jiġi preżentat l-Business Plan 2017 – 2019 għall-ewwel darba fil-laqgħa tar-Reġjun li jmiss.

## 81.6 *Items* oħra ta' Xogħol ieħor tar-Reġjun Ċentru li jkunu meħtieġa

- *Proġett Pilota ma' l-A.M.E. Health & Safety Services Ltd.*

81.6.1 Il-President, is-Sur Michael Fenech Adami, informa lil membri li dan il-proġett kien beda f'Ġunju 2016 u baqa għaddej. Peress li l-proġett pilota kien ta' suċċess, is-Segtrearju Eżekuttiv, is-Sinjura Galea, ġibdet l-attenzjoni li għandha tinħareġ sejħa għal offerti sabiex ir-Reġjun ikun finanzjament korret.

81.6.2 Kien hemm qbil dwar dan bejn il-membri preżenti.

- *Kontijiet ma' l-ARMS*

81.6.3 Il-President, is-Sur Michael Fenech Adami, informa lill-membri dwar email mingħand id-DLG sabiex il-kontijiet tad-dawl u ilma għandhom jgħajtu lir-Reġjun u mhux lis-sid. għal din ir-raġuni s-sidien taż-żewġ postijiet ser ikunu nfurmata dwar dan u, jekk ikun hemm qbil, għandhom jimtlew l-applikazzjonijiet.

81.6.4 Il-membri preżenti unanimament qablu dwar dan.

- *Aġġornament fuq il-laqgha Annwali Regjonali 2017*

81.6.5 Il-President, is-Sur Michael Fenech Adami, informa lill-membri li din is-sena l-laqgħa ser issir nhar is-Sibt 6 ta' Mejju 2017 fis-sala parrokjali ta' Ħ'Attard bejn id-9 ta' filgħodu sas-1 ta' wara nofsinhar. L-inviti flimkien ma' l-Aġenda tqassmu f'kull Kunsill Lokali l-Ħamis ta' qabel.

81.6.6 Is-Segretarju Eżekuttiv, is-Sinjura Jeanette Galea, infurmat lill-membri sabiex jikkonfermaw l-attendenza tagħhom u anke jaraw li l-Kunsilliera l-oħra jikkonferma mill-aktar fis possibli.

- *ESC Plan – Proposta*

81.6.7 Il-President, is-Sur Michael Fenech Adami, informa lill-membri li hu flimkien masSegretarju Eżekuttiv is-Sinjura Galea, kienu ġew mistiedna għal laqgħa mad-Direttur, is-Sur Adrian Mifsud, nhar it-28 ta' Marzu 2017 sabiex titressaq proposta lilu mill-aktar fis possibli sabiex ir-Reġjun ikun jista' jingħata l-ammont ta' €200,000.

81.6.8 Ghal din ir-raġuni, is-Sur Fenech Adami qassam document bil-proposta ssuġġeruta minnu skond l-istudja li kien sar fl-ESC Plan u ta spjegazzjoni dettaljata dwar din il-proposta.

81.6.9 Is-Sur Fenech Adami spjega li din il-proposta ġiet mgħoddija lid-Direttur sabiex tingħata approvazzjoni fil-jiem li ġejjin.

- *Risk assessment*

81.6.10 Il-President, is-Sur Michael Fenech Adami, spjega li Fil-laqgha preċedenti dan ir-Reġjun kien preżenta kwotazzjoni mingħand il-kumpanija A.M.E. Health & Safety sabiex isir *risk assessment* fl-uffiċċini amministrattivi tar-Regjun kif ukoll tal-Kunsilli Lokali li jaqgħu taħt dan ir-Regjun. Wara l-aħħar laqgħa, is-Segretarju Ezekuttiv ġiet avviċinata mill-Kunsill Lokali ta' Ħal Lija li kumpanija oħra qed toffri l-istess servizz ghal prezz ferm inqas minn dak ta' l-A.M.E. Health & Safety Services Ltd. Għal din ir-raġuni qed inresqu din il-kwotazzjoni sabiex titieħed deċizjoni f'din il-laqgha.

81.6.11 Il-Membri preżenti qablu sabiex il-kumpanija proposta tikkonferma li hija kumpanija liċezjata.

- *Kwotazzjoni għal 'Office Safety Training'*

81.6.12 IL-President, is-Sur Michael Fenech Adami, ressaq tliet kwotazzjonijiet sabiex isir dan it-taħriġ għal persuna minn kull Kunsill Lokali kif ukoll mir-Reġjun.

81.6.13 Il-Membri preżenti qablu li għandha issir għand l-A.M.E. Health & Safety Services Ltd peress li kienet l-irhas offerta.

- *Kwotazzjoni*

81.6.14 Il-President, is-Sur Michael Fenech Adami, ressaq kwotazzjoni ta' meterjal sabies issir tinda fid-daħla ta' l-uffiċċju amministrattiv tar-Reġjun.

81.6.15 Kien hemm qbil unanimi dwar dan.

## 81.7 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-iskeda ta' pagamenti

81.7.1 Is-Sindku ta' Ħal Lija, is-Sinjura Magda Magri Naudi, sekondat mill-Kunsillier, is-Sur Dominic Cassar, ressaq mozzjoni biex jiġu approvati l-ħlasijiet tal-pagamenti mniżżla fl-iskeda tal-pagamenti Nru. 79A u 79B.

81.7.2 Il-Mozzjoni għaddiet *nem.com*.

## 81.8 Mozzjonijiet

81.8.1 Is-Segretarju Eżekuttiv, is-Sinjura Jeanette Galea, infurmat li ma kien hemm l-ebda mozzjoni mressqa mill-membri.

## 81.9 Tmiem tal-Laqgħa u data tas-seduta li jmiss.

81.9.1 Il-laqgħa intemmet fis-6:25pm u ġiet aġġornata għal nhar l-Erbgħa 17 ta' Mejju 2017 u fil-5:30pm.

Konfermati, illum l-Erbgħa 17 ta' Mejju, 2017.

| | |
|---|---|
| IFFIRMATA | IFFIRMATA |
| Stefan Cordina<br>Viċi President | Jeanette Galea<br>Segretarju Eżekuttiv |